**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' April 2024**

**Rikors nru :33/2024 AGV**

MS

Vs

JS

Il-Qorti;

Rat ir- Rikors ta' MS ;

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:**

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-dsatax ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija, wiehed u tmenin (19/06/1981), liema zwieg jinsab debitament registrat mar-Registru Pubbliku [**Dok. A**].

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, wiehed minnhom gie nieqes u l-iehor maggorenni.

3. Illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Vassallo Agius fid-disgha t'April tas-sena elfejn u tlieta (09/04/2003) [**Dok. B]**.

4. Illi bejn il-kontendenti ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni. Inoltre bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavit tieghu ezebit bhala **Dok. C.**

5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:-

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Gunju, 1981; u
2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat in-nota ta‘ JS, li permezz taghha qed taghti ruhha b‘ notifkata bl-atti tal-kawza, bl-avviz tas-smiegh u bid-data tad-differiment, li qed tipprezenta affidavit taghha ai termini tal-Ligi. U li tiddikjara li hija trid tiddetjeni kunjomha mizzewga Sultana u ghalhekk titlob ll dina Onorabbli Qorti, biex tinkludi tali talba fid-decizjoni taghha.

Bl-isepjjez kontra r-rikorrenti MS.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar id- 19 ta’ Gunju 1981**

**Tordna li l-intimata tibqa’ bil-kunjom S**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**